MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 302/2010

Kawza fil-lista: 27

**A C**
**vs**
**B D; l-Avukat Dottor Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-minuri E F; G F; u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li hu kellu relazzjoni extra-maritali mal-konvenuta B D minn liema relazzjoni twieldet il-minuri E F li llum ghandha sitt (6) sitt snin; li fl-Att tat-Twelied tal-imsemmija E F, il-konvenut G F, bil-konnotati kollha tieghu, gie mnizzel bhala missier il-minuri E F; li mit-test ta’ DNA jirrizzulta li l-attur A C huwa effettivament il-

missier naturali tal-minuri E F;  li l-attur ghandu relazzjoni tajba mall-minuri u dejjem kien prezenti ghat-trobbija taghha bil-kunsens tal-konvenuta omm l-minuri u l-istess minuri hija a konoxenza tal-fatt li fil-verita' huwa l-attur il-missier naturali taghha; ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti: [1] tiddikjara li l-missier naturali tal-minuri m'huwiex il konvenut G F izda huwa l-istess A C u li tordna l-korrezzjoni konsegwenzjali fl-att tat-twelid tal-minuri E F, bin numru 2529/2004 billi jigu kancellati dawk il-konnotati kollha li hemm immnizzla relattivi ghall-konvenut Chritospher F u minflok jigu mnizzla l-konnotati ta' l-istess A C; Bl-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata prezentata mid-Direttur tar-Registru Pubbliku, u li tinsab inserita a fols.19 sa 20 tal-process, li biha fis-sustanza rrisponda li jehtieg li jigu pruvati r-rekwiziti kontemplati fl-artikoli 77 u 81 tal-kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta; u li hu m'ghandux jehel spejjez;

Rat li l-konvenut G F ammetta t-talbiet tal-attur peress li kien ilu sseparat zmien twil minn ma ' martu;

Rat ir-rapport tad-DNA prezentat, u mahluf mill-awturi tieghu;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda il-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qieghed jtitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifla E, registrata bil-kunjom F, li twieledet mill-konvenuta fl-5 ta' Awissu 2004, mhiex il-wild naturali tal-konvenut G F;  u wkoll li ssir id-debita korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-minuri, numru 2529/2004.

Illi mill-provi jirrizulta li l-attur kien jiffrekwenta u kellu relazzjoni intima u sesswali mall-konvenuta B D li kienet mizzewga '*izda kienet ghaddejja minn separazzjoni*

*personali minn ma' zewgha G F';* li l-konvenuta kienet telqet mid-dar matrimonjali u kienet tghix ghar-rasha meta, b'rizultat ta' din ir-relazzjoni, fil-5 ta' Awissu 2004 twieldet E F u li dejjem kellu relazzjoni tajba mall-minuri u dejjem kien prezenti fit-trobbija taghha.

Illi l-verzjoni tal-attur tinsab korroborata mill-konvenuta omm B D li zzid li kellha nkwiet personali ma' zewgha matul dak iz-zmien u *'qatt ma sar xejn sesswalment'* (Folio 8); tghid li taf ben tajjeb illi il-missier naturali ta' E huwa l-attur u tikkonferma li hu ghandu relazzjoni tajba ma' E.

Illi korroborazzjoni ohra tinsab fir-rapport tad-DNA li jikkonferma li l-attur A C huwa l-wild naturali tat-tarbija E F.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hi tal-fehema li t-talbiet tal-attur huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghaldaqstant tilqa' t-talbiet atttur, u tiddikjara li t-tifla E, registarata bil-kunjoni Aguis, m'hiex il-wild naturali tal-konvenut G F; u tordna l-korrezzjoni tal-imsemmi att tat-twelid fit-termini tat-tieni talba;

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-attur u mill-konvenuta B D, konguntivament bejniethom fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------